Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8

Data tal-laqgħa: 21 ta' Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.10pm.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 7. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

8.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier MLB, il-minuti ġew approvati.

## 8.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

8.3.1 Para 7.3.1 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li l-ispiża biex isiru 3 rifletturi mas-siġar tal-pjazza tammonta madwar €700. Dan jinkludi il-materjal, ix-xogħol u l-kiri ta' *high-up*. Il-Kunsill approva li jsiru.

8.3.2 Para 7.3.2 – *Residential Parking Scheme*
Is-Sindku infurma li din il-kwistjoni se ntellawha fuq livell Reġjonali.

8.3.3 Para 7.3.3 - *Framework Agreement – Public Works*
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għal *patching* (*hot asphalt*) ta' Triq Santa Marija ma ġietx approvata għax xogħol maġġuri ta' *patching* ma jiffurmax parti mill-*Framework Agreement* iffirmat. Is-Sindku talab nistaqsuhom jekk jaċċettawx li ssir parti biss mit-triq (il-parti sfrondata).

8.3.4 Para 7.3.4 - *Telephone Box* li hemm fil-Pjazza
Is-Sindku infurma li se jerġa' jikteb lis-CEO tal-Go plc.

8.3.5 Para 7.3.5 – Vjal Kulħadd
Is-Sindku infurma li rċivejna invit għad-29 ta' Jannar 2025 fejn se jiġu mħabbra l-proġetti magħżula.

8.3.6 Para 7.3.6 - *Speed tables*
Is-SE infurmat li għadna qed tistenna kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali. Is-Sindku talab li ninfurmaw lill-*Contracts Manager* u jekk hemm bżonn tinħareġ *default notice*.

8.3.7.1 Para 7.3.9 - Wesgħa Ġiġi Gauci
Is-SE infurmat li din il-ġimgħa, il-kuntrattur għandu jibgħat il-lista ta' pjanti. Is-Sindku talab li nerġgħu inkellmu lill-kuntrattur biex infakkruh biex jaqta' l-ħaxix li kiber fil-wesgħa, kif ukoll ninfurmawh biex ineħħi zokk ta' siġra li waqa' fiha.

8.3.7.2 Il-Kunsillier ONDG ssuġġerixxa li npoġġu *cat shelters* fil-Wesgħa. Il-Kunsill approva.

8.3.8 Para 7.7 – *iBiNs Collaboration Agreement*
Is-Sindku infurma li fuq talba tiegħu, din il-materja se tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun, biex tittieħed pożizzjoni komuni bħala Reġjun.

**Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-Agenda u tiġi diskussa *item* 8.6 peress li l-*accountant* tal-Kunsill kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa. Il-Kunsill unanimament approva.**

## 8.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

8.6.1 L-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti u jagħti xi spjegazzjonijiet u jirrispondi xi mistoqsijiet li jkollhom il-Kunsilliera.

8.6.2.1 <u>Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart minn Jannar sa Diċembru 2024</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2024. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

8.6.2.2 <u>Rapport Finanzjarju għas-sena 2024</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2024. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet u irrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

8.6.2.3 <u>Estimi Finanzjarji 2025</u>
L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2025, kif approvati fl-aħħar laqgħa, ġew ippreżentati lill-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet.

8.6.2.4 Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier MLB, dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament.

8.6.3 <u>Tender għas-Servizz ta' Handyman – BLC 03/2024 - Aġġudikazzjoni</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 03/2024. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-irħas offerta ta' Mario Cini u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvat.

## 8.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.4.1.1 <u>Xogħlijiet tal-WSC</u>
Is-Sindku infurma li din il-ġimgħa beda x-xogħol tal-WSC fil-pjazza ta' Triq l-Annunzjata u Triq Wiġi Ebejer. Dan ix-xogħol qed isir minn kuntrattur ieħor u mistenni jdum sitt (6) ġimgħat. Il-Kunsill irrimarka li qed isir xogħol tajjeb ħafna, fejn anke r-reazzjoni tan-nies hija waħda pożittiva.

8.4.1.2 Dwar ix-xogħol li sar mill-kuntrattur l-ieħor, is-SE infurmat li kienet infurmathom bl-*issues* pendenti u qatt ma ħadna tweġiba. Is-Sindku talab li niktbu lis-CEO tal-WSC.

8.4.2 <u>Talba għal kollaborazzjoni</u>
Is-Sindku infurma li stabbiliment kummerċjali f'Ħal Balzan talbu biex jesploraw potenzjal ta' kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill se jiltaqa' magħhom għal aktar dettalji.

8.4.3 <u>Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal il-Bon Pastur</u>
Il-Kunsillier ONDG ġibed l-attenzjoni fuq din il-kantuniera li baqgħet qatt ma saret wara l-kostruzzjoni tal-blokka. Is-SE infurmat li l-garanzija ġiet miżmuma u li din kellha ssir minn IM. Se terġa' tibgħat *reminder*.

## 8.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 8.7 Vakanza ta' Assistent Prinċipal (Skala 11)

8.7.1 Is-SE infurmat li qed tistenna l-permess mid-DGL biex tinħareġ is-sejħa.

## 8.8 Jum San Valentinu 2025

8.8.1 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar l-attività li se ssir il-Ħadd 16 ta' Frar 2025 mis-6.30pm il'quddiem, fis-Sala Aurora. Din l-attività se ssir b'għajnuna finanzjarja mid-DGL.

## 8.9 *iBiNs Collaboration Agreement*

8.9.1 Dan l-*item* ġie diskuss aktar qabel f'*item* 8.8.3.

## 8.10 Skemi Finanzjarji

8.10.1 Is-SE infurmat li m'hemmx Skemi ġodda x'jiġu diskussi.

**F'dan il-ħin (5.45pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-5.50pm.**

## 8.11 Permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet

8.11.1 Wara li l-Kunsill ra l-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet maħruġa lill-istabbilimenti tar-raħal, unanimament ġie maqbul biex, fejn ġie identifikat li hemm potenzjalment abbuż, nitkellmu mal-Avukat biex jindikalna l-aħjar pass prudenti, biex is-sitwazzjoni tiġi kkontrollata skond il-liġi.

## 8.12 Kjosks fil-Festa tar-raħal

8.12.1 Is-Sindku infurma li s-sena l-oħra saret talba miż-żewġ Każini tal-Banda u miċ-Ċentru Żgħażagħ biex ma jintramawx gabbani fil-pjazza man-naħa tal-bandli. Dan għaliex il-purċissjoni tgħaddi minn qalb il-gabbani u l-għarmar li qed jiġi rrestawrat qed jitgħatta bil-gabbani armati quddiemu. Fiż-żona ndikata hemm allokati 7 gabbani. It-talba kienet saret wisq viċin il-festa u l-permessi kienu laħqu ħarġu, u għalhekk, il-Kunsill preċedenti kien qabel li jsir eżerċizzju biex jiġu identifikati posti ġodda għal dawn il-gabbani, mill-bidu ta' din is-sena.

8.12.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill bil-liġi li tirregola l-ħruġ tal-permessi, b'mod speċifiku għat-Twaqqif ta' xi posta jew kjosk. Is-Sindku qara parti minn din il-liġi:

*(8) Fl-eżerċizzju ta' identifikazzjoni ta' posti għal kjosk fi żmien il-festi reliġjużi l-Kunsill Lokali għandu:*
*(b) (i) kemm-il darba Kunsill Lokali jkun ser jidentifika żona ġdida, il-Kunsill Lokali għandu jara li dik iż-żona ma tkunx imbegħda jew maqtugħa miċ-ċirkolazzjoni tal-pubbliku li jattendi għal dik l-attività;*
*(ii) il-Kunsill Lokali għandu javża pubblikament minn tal-inqas xahrejn qabel id-data tal-festa reliġjuża dwar l-identifikazzjoni taż-żona l-ġdida;*
*(iv) ikun ċert li ż-żona ġdida tkun kbira biżżejjed biex takkomoda l-istess għadd ta' bejjiegħa li kienu jarmaw fis-sit preċedenti.*

8.12.3 F'dan ir-rigward, il-Kunsill iddiskuta u qabel li:

- Posta Nru 10 (Qubbajt): jarma aktar il' fuq minflok Posta Nru 14, aktar viċin il-Knisja;
- Posta Nru 7 (Ġelati u s*oft drinks*): tiġi eliminata peress li l-post ilu vojt għal numru ta' snin;
- Posta Nru 8, 9, 11, 12 u 14: naraw kemm joqgħodu minnhom fi Triq Ġuże' Bonniċi.

**F'dan il-ħin (6.07pm) il-Viċi Sindku EG talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

8.12.4 Se jsir eżerċizzju biex jitkejjlu l-ispazji biex jiġi identifikat l-ammont ta' gabbani li jistgħu joqgħodu fi Triq Ġuże' Bonniċi u jekk m'hemmx spazju biżżejjed għal kollha, nħallu dawk li jarmaw *toys* fil-pjazza għax dawn m'humiex daqshekk kbar.

## 8.13 Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla

8.13.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-pjanta aġġornata u l-BOQ tax-xogħol propost, ippreparata mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jmexxi bl-applikazzjoni mal-PA biex tiċkien il-*planter* ta' quddiem ir-resident li kien qed joġġezzjona.

## 8.14 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

8.14.1 <u>Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Is-SE se tinfurma lill-Perit biex jindika x'permessi hemm bżonn biex isir bust fuq il-bankina l-wiesgħa mal-ġenb tal-Knisja.

8.14.2 <u>Mural ta' Gabriel Caruana</u>
Is-SE infurmat lill-Perit biex japplika għal permess (DNO) mal-PA. Sadanittant, ser nilħqu nitolbu permess mill-familjari ta' Gabriel Caruana, biex isir il-*mural.*

8.14.3 <u>Konti Bernardo Manduca</u>

Dwar il-plakka tal-irħam tal-Konti Manduca, is-Sindku se jerġa' jipprova jkellem lil sid Villa Macedonia.

## 8.15 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

8.15.1.1 <u>Fondi mill-ERA għal Tisbieħ f'Wied Ħal Balzan</u>
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill stima indikattiva (€15,975.90) ppreparata mill-ERA, għall-proġett propost (k/m Triq it-Tabib J. Zammit). L-ammont ta' €10,482 se jiġi ffinanzjat mill-ERA.

8.15.1.2 Il-Kunsill approva u se jiffinanzja l-kumplament tal-ispiża mill-fond DPF. Is-SE se tinfurma lill-Perit biex jagħmel *site survey* u BOQ finali skond kif mitlub mill-ERA.

8.15.2.1 <u>Installazzjoni ta' *Bollards* quddiem iz-zuntier</u>
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni biex jiġu nstallati *bollards* quddiem iz-zuntier ġiet approvata minn TM.

8.15.2.2 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *bollards*. Il-Kunsill unanimament approva l-irħas offerta ta' 360 Retail Supplies Ltd.

8.15.3 <u>Ġrieden fi Triq il-Paguni</u>
Il-Kunsillier AG issuġġeriet li jiġu installati madwar tmien (8) kaxxi ta' kontra l-ġrieden fi Triq il-Paguni bħal ma' saru f'toroq oħra s-sena l-oħra. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni li ressqet is-SE għall-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' tmien (8) kaxxi.

8.15.4 <u>MC Bays ġodda fi Triq San Franġisk u Triq Patri Ġużè' Delia</u>
Is-SE infurmat lis-sidien tal-garaxxijiet*,* oġġezzjonaw mal-ħaddiema tal-Kunsill meta marru biex jiżbgħu iż-żewġ (2) *MC Bays* li kienu approvati f'Awwissu 2024 u għalhekk ma sarux. Il-Kunsill iddiskuta u unanimament kien hemm qbil li ma jsirux għax se jinħoloq ostaklu tal-garaxxijiet, se titnaqqas il-viżibilità u ma jkunux jistgħu jimmanuvraw il-vettura bil-muturi pparkjati.

8.15.5.1 <u>Bankina fi Triq Antonio Bosio</u>
Is-Sindku infurma li resident li juża *electric wheelchair* minħabba nuqqas ta' mobbiltà qed jitlob biex jekk hu possibbli l-Kunsill jagħmel rampa (bħal tal-garaxxijiet) quddiem il-bieb tad-dar tiegħu, biex ikun jista' jdaħħal il-*wheelchair*.

8.15.5.2 Il-Kunsill iddiskuta. Kien hemm qbil li ninfurmaw lir-resident, dwar il-fatt li peress li quddiem il-bieb hemm il-konnessjonijiet tal-ilma u drenaġġ, se tkun diffiċli li titbaxxa l-bankina. Apparti minn hekk, il-bankina nippruvaw inbaxxuha biss meta ma jkunx hemm alternattiva oħra biex nevitaw li noħolqu problemi oħra ta' aċċessibbiltà għal kull min juża l-bankina. Però bħala alternattiva oħra, il-Kunsill qabel li joffri rampi li jintramaw u jiżżarmaw kull meta jkun hemm bżonn.

8.15.6.1 <u>Kwistjoni tad-dawl – Benrikville, Triq l-Annunzjata k/m Triq Wiġi Ebejer</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill dwar il-kwistjoni taż-żewġ lanterni li kien hemm imwaħħla mas-sit qabel ma sar il-kostruzzjoni, li baqgħu qatt ma twaħħlu. Is-SE infurmat lis-sid aċċetta li terġa' teħel il-lanterna mal-faċċata man-naħa ta' Triq l-Annunzjata.

8.15.6.2 Dwar il-lanterna li kien hemm man-naħa ta' Triq Wiġi Ebejer, is-sid ma jridx li jkun hemm *wires* jgħaddu minn mal-faċċata, u għalhekk, l-unika opzjoni hi li ssir lanterna fuq arblu faċċata fil-kantuniera. L-ispiża tal-lanterna tammonta għal €4,380.75 u apparti minn hekk iridu jgħaddu xi konnessjonijiet mill-bankina. Ġie rrimarkat lis-sid ta' fejn qed jiġi propost l-arblu ma trid li jeħel xejn mal-faċċata.

8.15.6.3 Il-Kunsill iddiskuta u jidher li f'din iż-żona hemm biżżejjed dawl. Għalhekk ġie deċiż li għalissa teħel il-lanterna fi Triq l-Annunzjata u naraw is-sitwazzjoni kif tkun.

8.15.7.1 <u>Nuqqas ta' dawl</u>
Il-Kunsillier ONDG ilmenta dwar id-dlam li hemm fi Triq il-Karenza. Is-SE infurmat li l-bozza l-ġdida għad trid tiġi mqabbda minn l-Enemalta. Il-bozza l-oħra li mhix tixgħel se tiġi rrapporta biex tiġi rranġata urġenti.

8.15.7.2 Il-Kunsillier ONDG ilmenta wkoll li hemm nuqqas ta' dawl fi Triq l-Imdina fl-akwati tal-Ambaxxata tal-Kuwait. Se jibgħatilna aktar dettalji biex niċċekkjaw iż-żona.

8.15.8 <u>Tabella *Reserved for Disabled* fi Triq it-Tabib J Zammit</u>
Residenta qed titlob li teħel tabella oħra mal-faċċata tagħha għax li hemm fuq l-arblu mhux jarawha u qed

jipparkjawla fuq ir-*reserved.* Is-SE qalet li normalment tabella waħda teħel ma' kull *reserved*. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni lir-residenta twaħħal tabella oħra għas-spejjeż tagħha.

8.15.9 <u>Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk</u>
Il-Kunsill ltaqa' mal-amministratur tal-kumpless ta' garaxxijiet ta' Homeland Court qabel bdiet il-laqgħa, fejn qed jitolbu biex titneħħa l-*parking bay* li hemm faċċata tal-entratura, għax qed jiġi ostakolat l-aċċess meta jkun hemm vetturi pparkjati. Qabel ma saret it-triq, kien hemm kaxxa safra minflok kaxxa bajda. Il-Kunsill approva li titneħħa u minflok isir dyl. Se jiġi ċċekjat ukoll jekk hemm il-1m dyl mal-ġnub tal-entratura.

8.15.10 <u>Bankina f'Wied Ħal Balzan</u>
Il-Kunsillier AG semmiet ir-rampa perikoluża li saret fil-bankina. Is-SE infurmat li l-każ ġie rraportat lill-PA. Huwa s-sid li jrid jirranġaha u jekk ma ssirx tiġi miżmuma l-garanzija bankarja. Se niċċekkjaw mal-Avukat x'jista' jsir għax il-bankina qiegħda perikoluża.

## 8.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.16.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 01/25, li tinkludi l-ammont ta' €84.54c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Diċembru 2024.

8.16.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

8.16.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Kunsillier MLB assentat ruħha mill-approvazzjoni ta' pagamenti nru. 27 u 36 (transazzjoni nru. 017/25 u 026/25).

## 8.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

8.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.08pm.

8.17.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 25 ta' Frar 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |